# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

### Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**Laqgħa Nru. 16/K9/20**

Data tal-laqgħa: 27 ta' Marzu 2020

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' permezz ta' video conference minħabba s-sitwazzjoni preżenti u għalhekk il-membri ingħataw l-aċċess għal programm ta *video conferences* fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Dott. Albert Buttigieg – Sindku
Clayton Luke Mula – Viċi-Sindku
Guido Dalli – Kunsillier
Patricia Camilleri - Kunsilliera
Adrian Domenic Ellul – Kunsillier
Martin John Sultana – Kunsillier
Rita Dimech Portelli – Kunsilliera

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (1) – (2)**

John Agius - Kunsillier
Sean Gauci - Kunsillier

**Assenti:** (0)

**Uffiċjali Preżenti**

Paul Spiteri – Segretarju Eżekuttiv
Marilyn Demanuele – Uffiċċjal Eżekuttiv

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba.

**16.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

16.1.01 Il-Kunsilliera John Agius u Sean Gauci talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

**16.2 Approvazzjoni tal-Minuti 12/K9/2020, 13/K9/2020, 14/K9/2020 u 15/K9/2020**

16.2.01 Saret korrezzjoni sabiex 12.02.08 tiġi mħassra il-kelma niċċesjaw u minfloka tinkiteb niċċekjaw.

16.2.02 B'riferenza għal-punt 12.09.12, saret diskussjoni qasira fejn l-Kunsill ddeċida li s-Sur Cordina jagħmel il-ħlas ta' elf ewro għal kull tabella.

16.2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-ittra mibgħuta mill-Kunsillier John Agius fejn talab xi korrezzjoni tal-Minuti tal-laqgħa numru 12. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li din l-ittra tiġi annessa mal-Minuti (Ara Appendiċi 'A').

16.2.04 Wara diskussjoni qasira, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 12/K9/20. Il-Kunsillier Guido Dalli ssekonda . Il-minuti gew approvati.

16.2.05 Il-Kunsillier Martin John Sultana talab li mal-punt 12.2.07 jiżdied il-kliem 'ġie ċċensurat milli jitkellem'.

16.2.06 Wara diskussjoni qasira, l-Viċi-Sindku Calyton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti 13/K9/20. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri sekondat. Il minuti gew approvati.

16.2.07 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 14/K9/2020 u Minuti 15/K9/2020. Il-Kunsilliera Patricia Camilleri ssekondat .Il-Minuti gew approvati.

**Punti Imqajjma mill-Minuti**

16.2.08 Fir-rigward il-punt 12.9.17 is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kunsilliera li s-Sur Angelo Coccheti ġie nfurmat li għalissa mhux ħa

nippartećipaw fl-imsemmija skema iżda l'quddiem ser nikkunsidraw proposti ohra.

16.2.09 Dwar il-punt 12.9.12 iċ-Ċermen informa lill-Kunsilliera li s-Sur Micheal Stivala lest li jagħmel id-dawl tal-Pjazza tal-Balluta u l-restawr ta l-istatwa tal funtana ukoll.

16.2.10 Tqajjem il-punt dwar id-dawl tal-Monument ta' Ġużè Tanti, fejn iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li kien infurmat mingħand is-Sur Justin Attard li saret l-applikazzjoni iżda s-Segretarju Eżekuttiv ma sab l-ebda applikazzjoni. Għalhekk ġie deċiz unanimanent li ssir komunikazzjoni mas-Sur Daniel Armeni. Dan minħabba li l-Kuntrattur tal-Kunsill ma jridx jieħu responsabilita ta' xogħol li għamel persuna oħra. Is-Segretaju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sur Justin Attard tħallas biss tax-xogħol li għamel.

16.2.11 Dwar il-punt 12.3.02, il-Kunsill ġie nfurmat li kienet deċiżjoni tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali li ma tinġabarx iktar.

16.2.12 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lill-Awtorita' tal-Artijiet sabiex il-Kunsill ikun jaf l-art imsemmija fil-punt 12.09.08 ta' min hi filwaqt li nġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-applikazzjonijiet kollha min-naha tal-Awtorita' tal-Ippjanar huma weqfin.

16.2.13 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fil-5.30p.m.

16.2.14 Fir-rigward il-punt 12.9.14, dwar il-korrispondenza tas-Sinjura Jessica Shah, il-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur għadu ma ghamilx il-kaxxi tal-parkeġġ minħabba li preżentament għad hemm skip.

16.2.15 Dwar il-punt 12.02.09, il-Kunsillier Guido Dalli qal li l-Kunsill għandu jibagħat ittra mis-Segretarju Eżekuttiv dwar il-pożizzjoni tagħna. Is-segretarju kellhu jinbagħat draft lill-kunsilliera qabel tintbagħat lis-Segretarju tan-Neptunes WaterPolo Club.

16.2.16 Fir-rigward il-punt 12.9.03 il-Kunsill ġie nfurmat li l-Perit tal-Kunsill daħħal l-applikazzjoni 'Gov1'. L-Awotirta' tal-Artijiet ma sib l-ebda oġġezzjoni li l-ATM terġa' ssir fejn saret l-ewwel darba.

16.2.17 Dwar il-punt 13.2, il-Kunsill ġie nfurmat li saret l-oġġezzjoni dwar l-imsemmi permess. Mal-Kunsill isottomettew l-oġġezzjoni 11 il-NGO u 30 resident. Il-Kunsillier Adrian Dominic Ellul talab li jiġi ċċarat li l-oġġezzjoni saret biss fuq l-irmiġġ u mhux fuq applikazzjonijiet oħra, l-aktar dawk konnċernati mal-pixxina. Il-

Kunsillier Martin Sultana qal li l-Kunsill kien diġa wera l-appoġġ tiegħu ghal żvillup tal-Pixxina tal-Klabb ta San Ġiljan.

**16.3 Kommunikazzjoni miċ-Ċermen**

16.3.01 Iċ-Ċermen informa lill-Kunsill li l-Awtorita' tat-Turiżmu offra li jgħamel tindif u tissewwa xi ħsarat fuq u jigi rranġat il-monument tal-LOVE u il-madwar. Il-Kunsill kellhu jigbor stima.

16.3.02 Fir-rigward il-Proġett tal-Ġnien Saver Zarb, il-Kunsill għadu qed jistenna l-*clearence* min-naħa tal-Awtorita' tal-Artijiet.

16.3.03 Il-Kunsill ġie nfurmat li fir-rigward l-applikazzjoni sabiex tiġi rranġata l-entratura tal-iskola, din kellha tieqaf temporanjament minħabba li l-Awtorita' tal-artijiet sabet li hemm biċċa art privata. Għalhekk qed ssiru aktar riċerki qabel tkun tista titkompla l-applikazzjoni.

16.3.04 Dwar il-proġett tat-taraġ Triq Scicluna, l-Kunsill ġie nfurmat li l-Awtorita' tal-Ippjanar jonqos jagħtu l-aħħar approvazzjoni.

16.3.05 Il-Kunsill ġie nfurmat li t-taraġ ta' Triq il-Mensija dalwaqt jitlesta u ser jittpoġġew xi qsari. Il-madum li ma ntużax f'dan it-taraġ ser jintuża madwar il-latrina tal-Balluta.

16.3.06 Fir-rigward ix-xogħol tal-Balluta, l-Kunsill ġie nfurmat li x-xogħol ser jitlesta sal-20 t'April 2020. Il-Bus Shelter ser jitmexxa ftit l'fuq lejn il-Barracuda Restaurant sabiex il-karozzi tal-linja jkunu jistgħu jidħlu aħjar.

16.3.07 Iċ-Ċermen nforma lill-Kunsill li l-ħaddiema ta' l-FTZ qed jagħmlu xogħol ta' żebgħa tal-ħadid tal-promenade, jitwaħħlu bins ġodda, jinżebgħu l-arbli tad-dawl filwaqt li jitwaħħal xi dawl ġdid mill-Kappella tal-Kuncizzjoni sal-Barracuda Restaurant.

16.3.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li beda x-xogħol sabiex tigi rranġata d-dar li tinsab fi stat perikoluż fix-Xatt tas-Sajjieda.

16.3.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li Triq Ivo Muscat Azzopardi, fejn sfrundat it-triq, ser tiġi rranġata mill-aktar fis possbili.

16.3.10 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-flus tal-Seminar tal-EU daħlu.

**16.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

16.4.01 Fuq domandi mill-Kunsillier Guido Dalli, is-Segretarju nforma lill-Kunsill li kif titlesta Triq Forrest, il-kuntrattur ser jibda x-xogħol fuq Triq Lapsi. L-ewwel ser issir Triq Lapsi in-naħa ta' fuq peress li l-iskejjel magħluqa bħalissa u għalhekk ikun iktar faċli sabiex isir ix-xogħol.

16.4.02 Iċ-ċermen informa lill-Kunsill li rċieva diversi llmenti fir-rigward l-istat ta' Triq Arċisqof Romero. Wara diskussjoni qasira ġie deċiz li tinġabar stima tax-xogħol meħtieġ, sabiex inkunu nistgħu napplikaw għal-fondi mil-Planning Fund. Il-Kunsillier Martin John Sultana ġibed l-attenzjoni li Triq Hans Stumme hemm bżonn li tiġi rranġata. Fiż-żewg każi dawn iż-żewġ toroq għandhom isiru bil-Concrete sabiex inkunu nistgħu nużaw fondi mil-Planning Fund

16.4.03 Il-Kunsillier Martin John Sultana informa lill-Kunsill li kien qed jipproponi xi miżuri li l-Kunsill jista' jiehu sabiex itaffi ftit mill-effett negattiv tal-Covid għar-residenti tagħna, fosthom lista tal-ħwienet li jagħmlu delivery. Kien hemm qbil li tinġabar lista u ntellugħa fuq Facebook.

16.4.04 Iċ-Ċermen ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jdaħħlu kemm jista jkun resident fuq il-page YousafeSt.Julians.

16.4.05 Il-Vici-Sindku Clayton Luke Mula ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li ż-Zebra Crossing ta' Triq Wied Għomor hi perikoluża ħafna. Hawnhekk is-Sindku nforma lill-Kunsill li din saret skond id-disinn li kien sar min-naħa tal-Infrastructure Malta. Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li din iż-Zebra Cross titneħħa.

16.4.06 Wara domanda mill-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula, ċ-Ċermen informa lill-Kunsill li saret Un/Loading fi Triq il-Baltiku taħt il-pont, sabiex ir-residenti jkunu jistgħu jipparkjaw biex jarmu fil-Bring in Sites.

16.4.07 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar xi proċeduri qed jieħu l-Kunsill f'każ li l-Gvern isejjaħ lockdown u biex jiġi evitat kemm jista jkun kuntatt dirett man-nies minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-epedemija. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li s-Sinjura Mandy Zammit u s-Sinjura Marilyn Demanuele talbu li jaħdmu bit-teleworking minħabba s-sitwazzjoni familjari u din ġiet aċċettata, qed isir xogħol min-naha tal-amministratturi tal-I.T. tal Kunsill sabiex jkun jista isir teleworking, kif ukoll saret talba lil Bank sabiex isiru *transfers* diretti mal-bank minflok ċekkijiet. Iddaħlet sistema ta permessi bit-telefon u għal dan għan inxtraw tliet *mobile phones.*

## 16.5 Talbiet żgħar

16.5.01 **Email dwar Mayors Local Councils – Funds Opportunity Knocks – OK Project (Inc. 10420/20)**

16.6.01.01 B'riferenza għal din il-korrispondenza, ġie deċiż unanimament li titntalab aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

**16.5.02 Email mingħand l-MEUSAC dwar Opportunita ta' Fondi tal-UE għal restawr ta' ħitan tas-sejjieh (Inc. 10440/20)**

16.5.02.01 Riferenza għal-iskema msemmija, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma japplikax.

**16.5.03 Talba sabiex jsiru lockers f'San Giljan (Inc. 10535/20)**

16.5.03.01 Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu li dawn isiru fuq is-simenta faċċata tal-ispiżerija fit-Triq Ċensu Tabone.

**16.5.04 Talba minghand is-Sur Noel Castillo dwar The Malta Spring Festival f'San Giljan (Inc. 10655/20)**

16.5.04.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li din l-attivita ġiet sospiża minħabba l-Covid19.

**16.5.05 Email mingħand ir-Reġjun Ċentru dwar Skema Finanzjarja 2/2019 (Inc. 10746/20 & 10718/20)**

16.5.05.01 Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż unanimament li l-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula jkellem lill-għaqdiet tal-baned u jagħti risposta lill-Kunsill.

**16.5.06 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar LIFE Calls for proposals 2020 (Inc. 10884/20)**

16.5.06.01 Il-Kunsill iddiskuta din il-materja iżda ġie deċiż li l-Kunsill ma japplikax għal din l-iskema.

**16.6 Approvazzjoni tal-offerta fi Ġnien San Mikiel**

16.6.01 Is-Segretarju ressaq l-offerti tal-Ġnien San Mikiel. Hawnhekk is-Segretarju Eżekuttiv informa li wara li nħarġu l-offerti, saret korrezzjoni tal-BOQ u kien il-Mica Med biss li bagħat l-informazzjoni korretta għalhekk ġie deċiż unanimament li tintalab l-parir tal-avukat peress li tnejn mill-applikanti ma mxewx mal-BOQ l-ġdid.

**16.7 Kumpless Dun Anton Sciberras**

16.7.01 Din il-materja ma ġietx diskussa.

**16.8 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

16.8.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5037 sa 5071 (Ara Appendiċi 'B')

16.8.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**16.9 Skeda tal-Pagamenti**

16.9.01 Iċ-Ċermen ressaq il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'Ċ')

16.9.02 Il-Viċi-Sindku Clayton Luke Mula ppropona l-approvazzjoni tagħhom.

16.9.03 Il-Kunsillier Guido Dalli ssekonda.

**16.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

16.10.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa għal nhar il-Ħamis 16 ta' April 2020 fil-5.00p.m.

16.10.02 Il-laqgħa ntemmet fis-7.15p.m.

**IFFIRMATI,**

**Dott. Albert Buttigieg**
**Ċermen**

**Paul Spiteri**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 16 ta' April 2020